kull wieħed f'postu, kif għoġob lilU. Kieku kollha kienu membru wieħed, fejn hu l-ġisem?[1]. Imma minflok:

**"Ħafna huma l-membri; iżda wieħed hu l-Ġisem".**

La kull wieħed minna hu differenti mill-ieħor, nistgħu nkunu ta' don għall-oħrajn. B'hekk, filwaqt li tilħaq l-iskop ta' ħajtek, inti tkun qed tagħmel dak li Alla jitlob minnek għall-oħrajn. U fil-komunità fejn jitħaddmu dawn id-doni differenti, San Pawl jara realtà li jagħtiha isem sabiħ: Kristu. Il-fatt hu li dak il-ġisem li hu magħmul mill-membri tal-komunità, hu tabilħaqq il-ġisem ta' Kristu. Kristu jkompli jgħix fil-Knisja tiegħu u l-Knisja hi l-ġisem tiegħu. Infatti fil-magħmudija, l-Ispirtu s-Santu, lil min jemmen, jagħmlu ħaġa waħda fi Kristu. Hekk jidħol fil-komunità fejn kulħadd huwa Kristu, u tintemm kull firda u diskriminazzjoni.

**"Ħafna huma l-membri; iżda wieħed hu l-Ġisem".**

La l-ġisem hu wieħed, il-membri tal-komunità nisranija jgħixu tajjeb dan il-mod ġdid ta' ħajja meta jsiru ħaġa waħda bejniethom, avolja jibqgħu differenti minn xulxin fid-doni u fil-mod kif jaħsbuha. Il-komunità mhix bħal xi oġġett bla ħajja, iżda hi bħal ġisem ħaj, b'ħafna membri. Meta l-insara joħolqu firdiet, ikunu qed jagħmlu bil-maqlub ta' dak li suppost jagħmlu.

**"Ħafna huma l-membri; iżda wieħed hu l-Ġisem".**

Mela kif se tgħix din il-Kelma ġdida mill-Iskrittura? Jeħtieġ li inti tirrispetta x-xogħol differenti, id-doni u t-talenti li hemm fil-komunità nisranija. Jeħtieġ li taċċetta b'qalbek kollha l-ġid kollu tal-Knisja u mhux biss tal-Knisja żgħira fejn tmur int u li int taf biha, bħalma hi l-parroċċa tiegħek jew l-għaqda li inti msieħeb fiha jew xi moviment tal-Knisja li tiegħu inti membru, iżda tal-Knisja universali fil-ħafna forom u espressjonijiet tagħha. Għandek tħoss li dan kollu hu tiegħek ukoll għax inti għandek sehem f'dan il-ġisem wieħed. U għalhekk, bħalma tieħu ħsieb u tibża' għal kull parti mill-ġisem fiżiku tiegħek, hekk ukoll jeħtieġlek tagħmel għal kull membru ta' dan il-ġisem spiritwali.

(...) Għandu jkollok stima għal kulħadd, u tagħmel il-parti tiegħek biex kulħadd jagħti sehemu fil-knisja bl-aħjar mod. (...) Sadattant m'għandekx tiddisprezza dak li Alla qed jitlob minnek fil-post fejn tinsab, anki jekk ix-xogħol ta' kuljum forsi tarah monotonu u qajla jfisser xi ħaġa: aħna lkoll membri tal-istess ġisem u, kull wieħed minna, bħala membru, jieħu sehem fl-attività tal-ġisem sħiħ, u jibqa' fil-post li Alla għażel għalih. L-importanti hu li jkollok dik il-kariżma li, kif iħabbar San Pawl, togħla 'l fuq mill-oħrajn u din hi l-imħabba: imħabba għal kull bniedem li tiltaqa' miegħu, imħabba għan-nies kollha tad-dinja. Hija bl-imħabba, bl-imħabba ta' bejnietna, li l-membri jistgħu jsiru lkoll kemm huma ġisem wieħed[2].

**Chiara Lubich**

***Referenzi:***

*1 ara Kor* 12,17-19. ; *2 ara* Il-verżjoni sħiħa, li hawn tidher imnaqqsa minħabba l-ispazju, ġiet ippubblikata fil-ktieb: Chiara Lubich, Costruire sulla roccia, Roma 1983, p. 17-21.

**IL-"KELMA TAL-ĦAJJA" TIĠI MAQLUBA F'90 LINGWA U IDJOMA (LI 20 MINNHOM HUMA BISS ORALI) U TILĦAQ MILJUNI TA' NIES PERMEZZ TA' GAZZETTI, RADJU, TELEVIXIN U INTERNET.**

**ĊENTRI TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI:** **www.focolare.org**
'Stellaelise', Tirq il-Ħuttaf, Kappara **Tel:** 2138 5801 || focolaremt@waldonet.net.mt
'Vita Nuova', Triq Agius de Soldanis, Sta. Venera **Tel:** 2148 6112 || vitanuova@waldonet.net.mt

# Kelma tal-Ħajja

*Diċembru 2008*

**"Tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi" (*Lq* 22, 42)[1].**

Tiftakar? Dan hu l-kliem li Ġesù qal lill-Missier fil-ġnien tal-Ġetsemani. Bih nistgħu nifhmu aħjar il-passjoni li kellu jieħu u l-qawmien tiegħu mill-mewt. Dan il-kliem jurina kemm kienet qawwija t-taqtigħa li Ġesù ħass ġewwa fih. Kienet tbatija minn ġewwa, imqanqla mill-biża' li bħala bniedem kien qed iħoss quddiem il-mewt li ried il-Missier.

Imma Kristu ma qagħadx jistenna dik il-ġurnata biex jgħaqqad ir-rieda tiegħu ma' dik t'Alla. Kien għamel dan tul ħajtu kollha. Jekk Kristu ġab ruħu hekk, anki n-nisrani hekk għandu jġib ruħu. Inti wkoll għandek tirrepeti tul ħajtek:

**"Tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi".**

Anki jekk mgħammed, anki jekk iben il-Knisja, forsi dan għadek qatt ma ħsibt fuqu. Għandu mnejn li għalik dan il-kliem ifisser biss rassenjazzjoni, xi ħaġa li tgħidha meta ma tistax tagħmel mod ieħor. Imma fil-fatt ma jfissirx hekk. Ismagħni ftit: f'ħajtek tista' tagħżel bejn żewġ toroq: jew li tagħmel ir-rieda tiegħek jew li minn jeddek, tagħżel li tagħmel ir-rieda t'Alla.

U jkollok żewġ esperjenzi: ta' l-ewwel malajr tixba' minnha u taqtagħlek qalbek, għax inti tkun qed tipprova tilħaq il-quċċata ta' ħajtek bl-ideat limitati tiegħek, bil-ħila tiegħek, bil-ħolm fqir tiegħek, bil-forzi li għandek. Imbagħad, illum jew għada, din l-esperjenza ġġib magħha dwejjaq, qtigħ il-qalb, monotonija, u kultant anki disperazzjoni. B'din l-esperjenza l-ħajja ssir bla skop, anki jekk tipprova żżejjinha. Fil-fond ta' qalbek tħoss li qatt ma inti sodisfatt. Dan trid tammettih, ma tistax tiċħdu. U hekk jasal it-tmiem ta' ħajtek, mewt li ma tħallix tifkira, u wara xi ftit demgħat kulħadd jinsiek. Fit-tieni esperjenza inti wkoll tirrepeti:

**"Tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi".**

Ara ftit: Alla hu bħax-xemx. Ix-xemx tixħet ħafna raġġi li jaslu fuq kulħadd. Dawn huma r-rieda t'Alla għal kull wieħed minna. In-nisrani u kull bniedem ta' rieda tajba, huwa msejjaħ biex f'ħajtu jimxi lejn ix-Xemx, fid-dawl tar-raġġ tiegħu, li huwa differenti minn dak tal-oħrajn. B'hekk hu jtemm dak il-pjan speċjali u mill-isbaħ li Alla għandu għalih. Jekk inti wkoll tagħmel dan, issib ruħek f'avventura divina li qatt ma ħlomtha qabel. Tħossok bħal attur u fl-istess ħin spettatur ta' xi ħaġa kbira li Alla qed jagħmel fik u permezz tiegħek fil-bnedmin l-oħra. Dak kollu li tgħaddi minnu, tbatijiet u ferħ, ġid u diżgrazzji, grajjiet mhux tas-soltu (suċċessi u xorti tajba, inċidenti, mewt tal-għeżież tiegħek); grajjiet ta' kuljum (ix-xogħol fid-dar, fl-uffiċċju jew l-iskola), kollox, kollox jieħu tifsira ġdida għaliex kollox hu mogħti lilek minn Alla li hu Mħabba. Hu jrid jew jippermetti kollox għall-ġid tiegħek. Jekk għall-ewwel din il-ħaġa temminha biss, aktar 'il quddiem tibda taraha bl-għajnejn ta' ruħek, tibda tara bħal ħajta tad-deheb li tgħaqqad kull ħaġa li tiġrilek u b'hekk tfassal disinn mill-isbaħ: li huwa sewwa sew il-Pjan t'Alla għalik. Forsi din id-dehra tattirak. Għandu mnejn li minn qalbek tixtieq

***Referenzi:***

*1 ara Parola di vita,* Awwissu 1978. ippubblikata fuq Essere la tua Parola. Chiara Lubich e cristiani di tutto il mondo, Ruma 1980, p. 81-84.

tagħti sens profond lil ħajtek. Mela, isma' ftit. Qabel xejn ngħidlek meta jeħtieġ li tagħmel ir-rieda t'Alla. Aħseb ftit: l-imgħoddi għadda u ma tistax terġa' tgħixu. Ma jibqagħlekx ħaġ'oħra x'tagħmel ħlief li tħallih fil-ħniena t'Alla. Il-futur għadu ma ġiex u tkun tista' tgħixu biss meta jasal. F'idejk għandek biss il-mument preżenti. Fih inti trid tfittex li tgħix il-kelma:

**"Tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi".**

Meta tkun qed tivvjaġġa bil-karozza tal-linja, (u l-ħajja stess hi vjaġġ) int tkun bilqiegħda bi kwietek. Qatt ma jgħaddilek minn moħħok li toqgħod timxi 'l fuq u l-isfel fil-kuritur tal-karozza. Hekk tkun qed tagħmel meta toqgħod toħlom fuq il-futur li għadu ma wasalx, jew titħasseb fuq l-imgħoddi li qatt ma tista' terġa' ġġibu lura. Le : iż-żmien jgħaddi waħdu. Jeħtieġ li tieqaf fil-preżent u hekk tasal sa tmiem il-ħajja fuq l-art.

Tistaqsini: imma kif se nagħraf ir-rieda t'Alla mir-rieda tiegħi? Mhix ħaġa diffiċli tkun taf xinhi r-rieda t'Alla fil-mument preżenti. Ħa nurik mod kif. Isma' dik il-vuċi rqiqa ġewwa fik li min jaf kemm-il darba inti stess sikkittha tant li ma baqgħetx tingħaraf. Imma ismagħha sew: dik hi l-vuċi t'Alla[2]. Hi tgħidlek li wasal il-ħin biex tistudja, jew biex tħobb 'il min jinsab fil-bżonn, jew biex taħdem, jew biex tegħleb xi tentazzjoni, jew biex taqdi dmirek bħala nisrani jew bħala ċittadin. Hi tistiednek tisma' lil xi ħadd li jkun ikellmek f'isem Alla, jew tieqaf bil-kuraġġ quddiem xi diffikultà...

Ismagħha, ismagħha. Issikkithiex: hi l-aktar teżor prezzjuż li għandek. Imxi warajha. U hekk, mument wara mument inti tibni l-ġrajja tiegħek, li hi divina u umana fl-istess ħin, għaliex magħmula minnek flimkien m'Alla. U għad tara affarijiet tal-għaġeb. Tara x'jista' jagħmel Alla f'min jgħid, b'ħajtu kollha:

**"Tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi".**

**Chiara Lubich**

***Referenzi:***
*2. ara Ġw 18, 37; ara Ap 3, 20.*

# *Kelma tal-Ħajja*

***Jannar 2009***

**"Ħafna huma l-membri; iżda wieħed hu l-Ġisem" (*1 Kor* 12, 20).**

Qatt mort f'komunità ħajja ta' nies li huma tassew insara? Qatt ħadt sehem f'xi laqgħa tagħhom? Fhimt xi ħaġa mill-ħajja li jgħixu? Jekk inhu hekk, żgur innutajt li f'din il-komunità hemm nies li għandhom rwoli differenti. Hemm min jaf jitkellem u jaf jgħaddilek ħwejjeġ spiritwali li jmissulek qalbek; hemm min lest li jgħin, jaqdi, jipprovdi u jgħaġġbek kemm jirnexxilu jagħmel ġid lil min qed ibati; hemm min jaf jgħallem tant tajjeb li jqawwilek il-fidi li diġà għandek; hemm min jaf jorganizza; oħrajn jafu jmexxu; hemm nies li kapaċi jifhmu lin-nies li jersqu lejhom u jafu jagħtu faraġ lil min għandu bżonn.

Iva, tista' tinduna b'dan kollu, iżda fuq kollox l-aktar ħaġa li tolqtok f'komunità hekk ħajja hi li hemm spirtu wieħed li jinsab f'kulħadd, u tħoss li dan l-ispirtu ta' bejniethom jagħmilhom ħaġa waħda, ġisem wieħed.

**"Ħafna huma l-membri; iżda wieħed hu l-Ġisem".**

L-istess San Pawl, u b'mod partikulari hu, sab ruħu quddiem komunitajiet insara mill-aktar ħajja, li nibtu propju mill-kelma straordinarja tiegħu. Waħda minn dawn il-komunitajiet kienet dik ta' Korintu, komunità żagħżugħa li fuqha l-Ispirtu s-Santu xerred b'abbundanza d-doni u l-kariżmi tiegħu. Anzi, f'dak iż-żmien dawk id-doni kienu jidhru straordinarji minħabba l-vokazzjoni speċjali tal-Knisja li kienet għadha fil-bidu tagħha. Imbagħad, wara li din il-komunità gawdiet mid-doni mogħtija b'abbundanza mill-Ispirtu s-Santu, bdew jinbtu fiha piki u nuqqas ta' qbil, propju fost dawk li kienu rċevew dawn id-doni.

Għalhekk kien meħtieġ li jiktbu lil San Pawl, li kien qiegħed Efesu, biex jiċċaraw l-affarijiet. Pawlu malajr weġibhom f'waħda mill-isbaħ ittri tiegħu li fiha jfisser kif għandhom jintużaw dawn il-grazzji partikulari. Hu jfiehem li hemm differenza bejn don u ieħor, bejn xogħol u ieħor, bħal dak tal-Appostli jew tal-Profeti jew ta' dawk li jgħallmu, imma wieħed hu l-Mulej li minnu jiġu dawn il-kariżmi kollha. San Pawl jgħid li fil-komunità hemm dawk li għandhom id-don tal-mirakli, dawk li jfejqu, dawk li jassistu lill-oħrajn, hemm dawk li jmexxu, hemm dawk li jitkellmu bl-ilsna u dawk li jfissruhom, imma jżid jikteb li wieħed hu l-Mulej li minnu ġej dan kollu.

U allura, la dawn id-doni differenti huma espressjoni tal-istess Spirtu s-Santu li jagħtihom, dawn ma jistgħux ma jaħdmux flimkien, ma jistgħux ma jkunux ta' għajnuna wieħed lill-ieħor. Dawn ma jingħatawx biex igawdihom dak li jkun jew biex jiftaħar bihom, jew biex jirnexxi hu, imma huma mogħtija għal skop wieħed: il-bini tal-komunità; l-iskop tagħhom huwa li jaqdu lill-oħrajn. Għalhekk ma jistgħux inisslu nuqqas ta' qbil jew konfużjoni.

Għalkemm San Pawl kellu f'moħħu dawk id-doni partikulari li kellhom x'jaqsmu mal-ħajja tal-komunità, hu tal-parir li kull membru tagħha għandu juża l-kapaċità tiegħu għall-ġid ta' kulħadd. Kull wieħed għandu jkun ferħan bil-ħila tiegħu. Il-komunità hu jurihielna bħala ġisem u jistaqsi: Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn ikun ix-xamm? Iżda issa Alla qiegħed il-membri fil-ġisem,